MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4**

**It-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):** Ħadd

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**4.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

Il-minuti tal-laqgħa b'urgenza Numru 2.1 li saret fl-1 t'Awwissu, 2019 u l-minuti tal-laqgħa Numru 3 li saret fil-5 ta' Awwissu, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 4.2.1 Korrezzjonijiet

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.2.1.1 | Mill-laqgħa 2.1 | jitneħħa l-isem "Darren" minn wara Farrugia | |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.2 | titneħħa l-kelma "tal-ewwel (1)" u issir **tat-tieni** (2) |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.2.1 | jitneħħa numru "2.2.1" u jsir **3.2.1** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.1 | jitneħħa l-kliem "sottokunitati" u jsir **sotto kumitati** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.1 | jitneħħa l-isem "Ernerst" u isir **Ernest** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.3 | jiżdied l-isem **Silvio** quddiem "Vella" |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.3 | titneħħa l-kelma "Anzjini" u ssir **Anzjani** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.7 | jitneħħew l-kliem "komprtizzjoni" u "inlaqgħat" u jsiru **kompetizzjoni** u **intlaqgħet** rispettiviment |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.9 | titneħħal-kelma "kuntartti" u ssir **kuntratti** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.3.11 | jitneħħa numru "3.3.9" u jsir **3.3.11** |
| | Mill-laqgħa 3 | Minuta 3.4.2 | titneħħa l-kelma "kumapnija" u ssir **kumpanija** u tiżdied **tal-Kunsill Lokali** wara l-kelma "kuntrattur" |

## 4.3 Punti mqajma mill-minuti

4.3.1 Minuta 3.3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva il-pjan ta' ħidma mingħand il-kunsilliera u kien qed jahdem fuq il-proposti kollha. Huwa qal lill-membri li wara li kien ser jibghat kopja ta' dan il-dokument lill-membri qabel ma ssir il-laqgha pubblika.

4.3.2 Minuta 3.3.2 – Is-Sur Gianluca Falzon flimkien mas-Sur Kursten Dimech ippreżentaw u spjegaw il-programm li ser ikun varat għal *Car Free Day* tat-22 ta' Settembru. Ġie spjegat li ser isiru attivitajiet sportivi bħal logħob tal-Boċċi, paddle *karts, frame football, boxing* u *judo*. Ser ikun hemm ukoll stands ta' informazzjoni fosthom minn Wasteserv u oħra tal-*BIO clean products.*

Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex issir promozzjoni billi jitwaħħlu tlett *banners* (6mtrs by 1 mtr) fi Triq il-Kbira San Ġużepp u jsiru l-posters. Ġie deċiż ukoll sabiex jiġu ppreżentati tazzi għat-turnament tal-boċċi u tingħata midalja lil dawk it-tfal li kienu ser jipparteċipaw fl-isports l-ieħor bħala tifkira.

4.3.3 Minuta 3.3.3 – Is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella u lis-Sa Courtney Farrugia d-dettalji ta' liema laqgħat edukattivi fuq is-saħħa kienu ser isiru fi`-Centru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani. Wara diskussjoni bejn is-Sur Silvio Vellla u s-Sa Courtney Farrugia ġie deċiż li jsiru dawn il-laqgħat dwar:

- *Arthritis*

- *Physiotherapy*
- *Cancer Screening Services*
- *Diabetics*
- *High Blood Pressure*

4.3.4 Minuta 3.3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit għamel ir-rapport fuq ix-xogħol li sar rigward il-proġett tal-Palazz l-Aħmar, filwaqt li l-Kunsill għadda d-dettalji kollha lill-Avukat tal-Kunsill sabiex tintbagħat ittra legali lill-Kuntrattur.

4.3.5 Minuta 3.3.6 – Is-Sindku informa lill-membri li għas-sejħa għall-post klerikali ircevejna tlett applikazzjonijiet iżda għall-intervista tnejn biss attendew. F'dan ir-rigward ħadd minn dawk li ġew intervistati ma laħqu l-aspettattivi tal-Bord.

Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel li jitlob lil Jobsplus sabiex jibgħatu lista ta' persuni li huma interessati biex jaħdmu xogħol klerikali u li jagħmlu taħt il-*Part 3*.

**4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**4.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li matul il-leġislatura l-oħra, il-Kunsill kien iddeċieda sabiex isir il-monument taċ-Ċentinarju fi Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma Triq Braille. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li fl-aħħar ġranet l-permessi kienu ħarġu mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Għaldaqstant kien ser jiskatta x-xogħol mill-Kuntrattur li huwa is-Sur Joe D'Amato. Huwa previst li dan il-monument jiġi inawgurat propju f'Jum Santa Venera.

**4.4.2** Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu talba mingħand is-Sur Stanley Azzopardi sabiex volontarjament jagħmel kors tas-"Saħħa u Sigurta fuq il-post tax-Xogħol", fil-Kunsill fejn residenti Vendriżi jkunu jistgħu jattendu għalih mingħajr ebda ħlas. Is-Sindku qal li d-dati jistghu jkunu fl-14 u l-15 t'Ottubru jew l-14 u 16 t'Ottubru 2019 bejn il-5:00pm u t-8:00pm fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**4.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li għandu l-ħsieb li fil-Kunsill ikun hawn *cleaner* u jsir it-tindif tlett darbiet fil-ġimgħa. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet.

## 4.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**4.5.1** Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li waslitlu talba mingħand il-Kappillan sabiex il-Kunsill ineħħi l-bin li hemm ħdejn l-uffiċċju tal-Parroċċa.

Il-Membri qablu li dan għandu jitneħħa.

**4.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Wasteserv infrumaw lill-Kunsill li ser tibda kampanja edukattiva fuq *Social Marketing in Waste Management* madwar Malta kollha, dwar l-importanza għalfejn l-iskart għandu jkun separat. Barra dan kollu fil-ħin li dawn ikunu fil-lokal huwa jaċċettaw li r-residenti jkollhom l-opportunita' li jiddepożitaw dan it-tip ta' skart bħal *polystyrene (jablo), plastic, glass, paper and cardboard, metals, cooking oil, lights bulbs and textiles.* Is-Sindlu kompla billi qal li qed ikun propost sabiex din il-

kampanja issir il-Ħamis kull erba' ġimgħat bejn id-9:30 sas-13:30 fi Triq Misraħ il-Barrieri kantuniera ma Triq l-Imsida faċċata tal-pastizzerija.

Wara diskussjoni l-membri qablu ma din l-inizzjattiva iżda ġie deċiż sabiex din il-kampanja issir is-Sibt ta' kull erba' ġimgħat sabiex din tilħaq aktar residenti minħabba li l-maġġoranza tagħhom jaħdmu u f'dak il-ħin ftit huma dawk li jkunu d-dar.

**4.5.3** Is-Sindku rrimarka fuq ic-Cirkulari li l-Kunsill irċieva – Direttiva 3/2019 Contracts Manager fejn il-Kunsill irid joħroġ sejħa ta' offerti.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex nitolbu lid-Dipartiment it-termini ta' referenza sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li joħroġ din is-sejħa fejn dan ikun impjegat full time mal-istess Kunsill Lokali.

**4.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li l-kuntrattur tat-trasport ta' tal-Anzjani infurmah u ġablu ittra mingħand GasanZammit Motors Ltd fejn dawn qed jiddikjaraw is-Sur Attard għandu ordnat Ford minibus bit-*tail lift* iżda minħabba dewmien mill-produzzjoni dan għadu ma wasalx Malta.

Wara diskussjon il-membri qablu sabiex tintbgħat ittra liċ-Ċentru ta' Matul il-Jum sabiex naraw min huma dawk l-anzjani li għandhom bżonn li jużaw it-*tail lift* ħalli filkas is-Sur Attard ikollu jipprovdi *portable tail lift* għal dawn l-anzjani.

**4.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar il-ħsarat tad-dawl li hemm fi Pjazza Franka fejn prattikament trid tinbidel is-sistema kollha fejn irid isir bdil ukoll tal-lampi tad-dawl. Għaldaqstant il-Kunsill ġab kwotazzjoni sabiex isir dan ix-xogħol fejn ser jiġi jiswa' madwar €4,800.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel sabiex jinġieb prezz aħjar.

**4.5.6** Is-Sindku informa lill-membri li l-kunsill irċieva mingħand mingħand il-kumpanija LiDL dwar il-fatt li huma interessati fuq l-importanza tal-ambjent u għaldaqstant qed joffru sabiex jitħawlu sigar fil-lokalitajiet fejn għandhom il-ħwienet. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex issir laqgħa mad-diriġenti tal-LiDL u jekk ikun hemm qbil isir forma ta' MOU.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li Ambjent Malta qed joffru dabiex jitqassmu pjanti lill-Kunsilli Lokali. F'dan ir-rigward is-Sindku talab sabiex nibgħatu ninfurmaw lil Ambjent Malta bil-lista ta' toroq fejn jistgħu jitħawwlu l-pjanti skont kif kien ġie preżentat minn Dott. Carabott fuq dak li kien diskuss fis-Sotto Kumitat tal-Ambjent.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba minghand il-BOV, is-Sur Lapira minħabba l-overflow tal-ilma tax-xita.

Wara diskussjoni, il-membri qablu unanimament sabiex nirreferu din it-talba lill-Perit tal-Kunsill.

**4.5.9** Is-Sindku nforma l-membri dwar il-problema ta Trejqet Fleur de Lys minħabba l-ħinijiet tal-iskola.

Waqt laqgħa informali li s-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom mal-Pulzija tad-Distrett, ġie suġġerit sabiex issir applikazzjoni ma TM għal tabella ta' "Except for Authorised Vehicles".

Il-Membri qablu unanimament.

**4.5.10** Is-Sindku qal li waslitlu talba wkoll mill-ufficini tal-BOV li jisabu fi Triq Carini sabiex quddiem l-entratura tagħhom issir kaxxa *Keep Clear*. Il-Membri qablu unanimament ġaladarba hemm l-approvazzjoni ta' TM.

**4.5.11** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma raprezentanti tal-Park Towers u rappreżentanti ta' Transport Malta dwat it-traffic lights. F'din il-laqgħa ġie suġġerit sabiex isiru *round railings* madwar it-traffic lights sabiex b'hekk ħadd ma jkun jista' jipparkja magħhom u jitneħħew dawk it-tlett parking bays li hemm biswit il-faċċata tal-istess stabbiliment.

Dr. Carabott issuġġerixxa sabiex isir ftehim bil-miktub mal-partijiet kollha konċernati. Is-Sindku irrimarka dwar il-fatt li Triq il-Ferrovija hija triq arterjali u perse il-Kunsill Lokali m'għandux ġurisdizzjoni fuqha.

**4.5.12** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Buttigieg sabiex il-familja tuża ġnien Romeo Romano għall-festin żgħir minħabba li missieru kien se jagħlaq 70 sena. Wara diskussjoni il-membri ma sabux oġġezzjoni sabiex jintuża il-ġnien għal dan l-avveniment. F'dan ir-rigward il-Kunsill talab sabiex tingħata donazzjoni fejn fl-aħħar tas-sena din id-donazzjoni tingħata lill-Community Chest Fund. Ġie deċiż ukoll li huwa mportanti li ma ssirx ħsara u l-post jitħalla nadif wara li jispiċċa l-avveniment.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.5.13** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kunsill Lokali ta' B'Kara sabiex ikun suġġerit sabiex il-Gvern jixtri l-isptar St.Philips u jdawru bħala villaġġ ta' l-anzjani. Il-Kunsill ta' B'kara qiegħed jitlob sabiex jingħaqdu l-erba' kunsilli (Santa Venera, B'Kara, Msida u Ħamrun) f'daqqa biex nifformalizzaw dokument u ssir talba waħda komuni. Wara diskussjoni bejn il-membri, is-Sindku rrimarka li hu kien ser jitlob sabiex issir laqgħa mas-Sindku ta' B'kara.

Il-Membri qablu unanimament.

## 4.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 4.6.1 Pjan ta Ħidma

Is-Sindku qal li dan kien diġa ġie diskuss fil-bidu tal-laqgħa fil-punti li jitqajmu mill-minuti.

### 4.6.2 DPO

Is-Sindku informa lil membri li minħabba l-fatt li is-Sur Carmel Busuttil kien ser jirtira hemm il-bżonn li jinħatar Data Protection Officer (DPO) ieħor. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex nibgħatu għal kwotazzjonijiet mingħand diversi kumpaniji għal dan is-servizz.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.6.3 Pubblikazzjoni**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar ir-rivista li din hemm bżonn li l-Kunsill jerġa' jibda joħroġ kull 3 xhur bl-ewwel waħda tkun immirata għal żmien il-Milied. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti wahda għall-istampar u oħra għall-editjar.

Wara diskussjoni l-Membri qablu unanimament

**4.6.4 Tenders: Ġbir ta Skart u Knis**

Is-Sindku tkellem fuq in-nuqqasijiet li hemm kemm fil-ġbit tal-iskart u kif ukoll fil-knis. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex jitkomplew jinħarġu *default notices* u filfrattemp nitolbu parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.6.5 *Eco Market***

Is-Sindku talab lil Dott. Carabott sabiex jitkellem fuq din l-attivita' li hu flimkien mal-membri tas-Sotto Kumitat tal-Ambjent jixtieq li ssir. Spjega li din l-attivita' tista issir fi ġnien Romeo Romano fejn ikunu jistgħu wkoll jipparteċipaw l-NGOs.

Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex din l-attivita issir iżda inkunu nafu liema NGOs eżattament ser jipparteċipaw.

**4.6.6 Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar żewġ attivitajiet li jistgħu isiru għal żmien il-Milied dik ta Notte da Venerare u attivita' oħra ġdida dik ta' Betlehem f'Santa Venera fejn din tista' ssir fi ġnien Romeo Romano.

Is-Sindku informa lill-membri li aktar dettalji ser ikun qiegħed jgħaddihom fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**4.6.7 Linji Gwida: Jum Sta. Venera**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Linji Gwida għal Jum Santa Venera baqgħu l-istess u ma kienx hemm tibdil ħlief għad-dati ta' meta ser jiftħu u jintgħalqu n-nominazzjonijiet. Infatti l-applikazzjonijiet bin-nomini ser ikunu miftuħa bejn il-11 ta' Settembru 2019 u t-30 ta' Settembru 2019 sa nofsinhar.

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa, Dott. Darren Carabott ippreżenta il-Minuti tas-Sotto Kumitat tal-Ambjent.

## 4.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament.

F'dan l-istadju (21:28), is-Sindku informa lill-membri li l-ħin tal-laqgħa, dak ta' tlett siegħat, kien ser jiskadi. Huwa ppropona li jew ikun hemm qbil li titkompla il-laqgħa jew titkompla l-laqgħa ġurnata oħra. Dott. Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-laqgħa titkompla dak in-nhar stess u għaldaqstant il-ħin tal-laqgħa ġie estiż.

## 4.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numri 607 sa 711.

| | |
|---|---|
| 607 | Jiġu identifikati t-toroq |
| 608 | Awtorita' tal-Ippjanar |
| 611 | Contracts Manager |
| 612 | WO lil B.Grima & Sons |
| 616 | Diġa hemm waħda, apparti li residenti oħra ma jaqblux li tiżdied oħra |
| 618 | Contracts Manager |
| 619 | Feeders ġew avżati |
| 620 | Tista' ssir mir-residenti |
| 622 | Din ser timxi minn fejn tinsab |
| 626 | Azzjoni ittieħdet |
| 629 | Ma tistax issir |
| 630 | Ġardinar imma trid issir applikazzjoni mal-ERA |
| 633 | Contracts Manager |
| 640 | Issir bil-ħin bejn 8:00am u 9:00am u bejn 11:30am u 12:30pm |
| 642 | Tintbagħat ittra |
| 643 | Infrastructure Malta |
| 644 | Central Asphalt |
| 654 | Transport Malta |
| 657 | Tintbagħat ittra |
| 659 | Work order |

| | |
|---|---|
| 660 | Ħaddiema Assenjati |
| 662 | Contracts Manager |
| 663 | Infrastructure Malta |
| 664 | Contracts Manager |
| 665 | Ma tistax issir |
| 668 | Ħaddiema Assenjati |
| 669 | Tinħareġ WO lil B. Grima & Sons fuq it-Triq l-14 ta' Novembru biss |
| 672 | Xogħol Skedat |
| 676 | Isiru 2 dog bins wieħed ħdejn substation |
| 682 | Central Asphalt |
| 683 | Contracts Manager informa lill-Kunsill li l-mera qiegħdha kif suppost |
| 687 | Bħal ilment 660 |
| 688 | Contracts Manager |
| 689 | Tintbagħat ittra |
| 691 | Pulizija |
| 692 | Transport Malta |
| 694 | Ninfurmaw lill-Kap tal-Iskola |
| 698 | Rokku Mifsud – Kuntrattur tal-Knis |
| 705 | Ħaddiema Assenjati |
| 706 | Ħaddiema Assenjati |
| 707 | Ħaddiema Assenjati |
| 708 | Issir talba lil TM |
| 709 | Tinħareġ WO lil B.Grima & Sons |
| 710 | Tinħareġ WO lil B.Grima & Sons |
| 711 | Tinħareġ WO lil B.Grima & Sons |

## 4.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-10.15 pm u ġiet aġġornata għas-7 t' Ottubru, 2019, fis-6.30pm

Konfermati, illum 7 t' Ottubru, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv